V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ COMP/39.847/E-BOOKS

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 6552)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 283/07)

1. INTRODUZZJONI

1. Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 [1], il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'każijiet fejn ikollha l-ħsieb li tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li jitwaqqaf ksur u fejn il-partijiet ikkonċernati joffru li jintrabtu li jindirizzaw it-tħassib espress lilhom mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari tagħha - li tagħmel dak l-irbit vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u tkun tikkonkludi li m'għadx hemm aktar raġuni għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom sad-data stabbilita mill-Kummissjoni.

2. TAQSIRA TAL-KAŻ

2. Fit-13 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 rigward l-imġiba ta' Hachette Livre SA ("Hachette"), HarperCollins Publishers Limited, HarperCollins Publishers, L.L.C. ("Harper Collins"), Georg von Holtzbrinck GmbH & Co. KG and Verlagsgruppe Georg von Holtzbrinck GmbH ("Holtzbrinck/Macmillan"), Simon & Schuster, Inc., Simon & Schuster (UK) Ltd, Simon & Schuster Digital Sales, Inc. ("Simon & Schuster") u Apple, Inc. ("Apple") b'rabta mal-bejgħ ta' kotba elettroniċi lill-konsumaturi [2].

3. Fil-valutazzjoni preliminari, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li, billi l-bejgħ tal-kotba elettroniċi nqaleb b'mod konġunt minn mudell ta' bejgħ bl-ingrossa għal mudell ta' aġenzija bl-istess termini ewlenin fuq bażi globali, l-Erba' Pubblikaturi u Apple impenjaw ruħhom fi prattika miftiehma bil-għan li jkun hemm żieda fil-prezzijiet bl-imnut ta' kotba elettroniċi fiż-ŻEE jew li jfixklu l-possibbiltà ta' prezzijiet oħos tal-kotba elettroniċi fiż-ŻEE, bi ksur tal-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.

4. Għall-implimentazzjoni tal-istrateġija globali tagħhom fiż-ŻEE (fosthom, iżda mhux biss, fir-Renju Unit, Franza u l-Ġermanja), kull wieħed mill-erba' Pubblikaturi ffirmaw ftehimiet ta' aġenzija mal-Apple bl-istess termini ewlenin (fosthom l-hekk imsejħa klawsola tal-aktar nazzjon favorit ("MFN") dwar il-prezz, in-netwerks tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut massimu u livell ta' kummissjoni tal-aġenti) għall-bejgħ

[1] ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u, rispettivament, 102 tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma fis-sustanza identiċi. Għall-għanijiet ta' dan l-avviż, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

[2] Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni fetħet proċeduri wkoll kontra Pearson plc ("Pearson"), kumpanija *holding* ta' Penguin group, li għadha prti involuta fil-proċeduri fil-każ COMP/39.847/E-BOOKS. Il-Kummissjoni għadha qiegħda tinvestiga l-imġiba ta' Pearson u l-konformità tagħha mal-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.

ta' kotba elettroniċi lil konsumaturi li jinsabu fiż-ŻEE. L-istess termini, inkluż b'mod partikolari l-klawsola tal-MFN, fil-ftehimiet ta' aġenzija mal-Apple kienu jfissru li, biex jiġi evitat tnaqqis fid-dħul u l-marġni mill-kotba elettroniċi tagħhom fuq l-iBookstore, il-pubblikaturi kellhom jitfgħu pressjoni fuq bejjiegħa oħra ta' kotba elettroniċi li joffru kotba elettroniċi lil konsumaturi fiż-ŻEE biex jadottaw il-mudell ta' aġenzija tagħhom.

5. Il-valutazzjoni preliminari ma ppruvatx teżamina l-konformità mal-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE tal-ftehimiet ta' aġenzija konklużi mill-Erba' Pubblikaturi u Apple.

3. IL-KONTENUT PRINĊIPALI TAL-IMPENJI OFFRUTI

6. L-Erba' Pubblikaturi u Apple ma qablux mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu, huma offrew li, b'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw il-preokkupazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni. Dawn l-impenji huma bla ħsara għal-liġijiet nazzjonali li jippermettu jew jobbligaw lill-pubblikaturi li jistabbilixxu l-prezzijiet bl-imnut tal-kotba elettroniċi skont id-diskrezzjoni tagħhom ("il-liġijiet RPM").

7. L-elementi ewlenin tal-impenji offruti mill-Erba' Pubblikaturi u Apple huma:

8. Kull wieħed mill-Erba' Pubblikaturi u Apple ser jitterminaw il-ftehimiet ta' aġenzija għall-bejgħ ta' kotba elettroniċi fiż-ŻEE bejn kull wieħed mill-Erba' Pubblikaturi u Apple. Apple ser tavża wkoll lil pubblikatur internazzjonali maġġuri ieħor ta' kotba elettroniċi li dan il-pubblikatur jista' jitermina l-ftehim ta' aġenzija minnufih ([3]), u fl-eventwalità li l-pubblikatur ma jagħtix avviż ta' terminazzjoni lil Apple, Apple tittermina l-ftehim f'konformità mal-kundizzjonijiet li jinsabu fih.

9. Barra minn hekk, lil kull bejjiegħ li mhuwiex Apple l-Erba' Pubblikaturi ser joffrulu l-opportunità li jitermina kwalunkwe ftehim ta' aġenzija li ġie konklużż għall-bejgħ ta' kotba elettroniċi li (i) jirrestrinġu, jillimitaw jew jimpedixxu l-kapaċità tal-bejjiegħ li jistabblixxi, jbiddel jew inaqqas il-prezz tal-bejgħ bl-imnut, li joffri skontijiet u promozzjonijiet fuq il-prezzijiet, jew (ii) li jkun fihom klawsola MFN fuq il-prezz kif definit fl-impenji tal-Erba' Pubblikaturi. Fil-każ li kull bejjiegħ jiddeċiedi li jieħu l-opportunità li jitermina ftehim bħal dan, l-Erba' Pubblikaturi ser jitterminawh f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

10. L-Erba' Pubblikaturi mhumiex ser jirrestrinġu, jillimitaw jew jimpedixxu l-kapaċità tal-bejjiegħa ta' kotba elettroniċi li, għal perjodu ta' sentejn, jistabbilixxu, ibiddlu jew inaqqsu l-prezzijiet ta' kotba elettroniċi u/jew li joffru skontijiet jew promozzjonijiet. Madanakollu, fir-rigward tal-ftehimiet ta' aġenzija, il-valur aggregat tal-iskontijiet fuq il-prezz u l-promozzjonijiet offruti minn kwalunkwe bejjiegħ ma għandux jaqbeż l-ammont aggregat bl-istess valur tal-kummissjonijiet totali li l-pubblikatur iħallas lil dak il-bejjiegħ fuq perjodu ta' 12-il xahar b'rabta mal-bejgħ tal-kotba elettroniċi tiegħu lill-konsumaturi.

11. Barra minn hekk, fuq perjodu ta' ħames snin: (i) l-Erba' Pubblikaturi mhuma ser jidħlu fl-ebda ftehim li jirrigwarda l-bejgħ ta' kotba elettroniċi fiż-ŻEE li jkun jinkludi klawsola MFN kif definita fl-impenji tal-Erba' Pubblikaturi, u (ii) Apple mhija ser tidħol fl-ebda ftehim li jirrigwarda l-bejgħ ta' kotba elettroniċi fiż-ŻEE li jkun fih klawsola MFN ta' prezzijiet bl-imnut kif definit fl-impenji ta' Apple.

12. Apple ser tinforma lil kwalunkwe pubblikatur li jkun iffirma ftehim ta' aġenzija dwar kotba elettroniċi magħha li mhijiex ser tinforza l-klawsola MFN ta' prezzijiet bl-imnut fi kwalunkwe ftehim għal perjodu ta' ħames snin.

13. Dawn l-impenji jinsabu ppubblikati kollha bl-Ingliż fuq is-sit tal-internet tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fuq:

http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

4. STEDINA BIEX JITRESSQU KUMMENTI

14. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni, suġġett għal ittestjar tas-suq, li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 biex tiddikjara li l-irbit, miġbur fil-qosor hawn fuq u ppubblikat fuq l-Internet fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, huwa vinkolanti. F'każ li jkun hemm bidliet sostanzjali fl-irbit, jitnieda ttestjar ġdid tas-suq.

15. Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-irbit li qed ikun propost.

([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

16. Il-limitu taż-żmien biex tissottometti l-kummenti jiskadi xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż. Partijiet terzi interessati huma mitluba wkoll biex jippreżentaw verzjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom li fiha titħassar l-informazzjoni kollha li huma jqisu bħala sigriet kummerċjali, kif ukoll informazzjoni kunfidenzjali oħra, u tiġi ssostitwita skont kif ikun hemm bżonn permezz ta' sommarju mhux kunfidenzjali jew permezz tal-kliem 'sigriet kummerċjali', jew 'kunfidenzjali'.

17. It-tweġibiet u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu mmotivati u għandhom ifissru l-fatti relevanti kollha. Jekk inti tidentifika problema f'xi parti tar-rabtiet proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi xi soluzzjoni possibbli.

18. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni taħt in-numru ta' referenza COMP/39.847/E-BOOKS esklużjoni mis-suq, bl-e-mail (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), bil-faks (+32 22950128) jew bil-posta f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË